Il-Kummissjoni Ewropea

# **Helmut Kohl u François Mitterrand:** Mexxejja tar-rikonċiljazzjoni

## Helmut Kohl 1930 - 2017
## François Mitterrand 1916 - 1996


© AP 1984

*Forsi ħadd ma kien jobsor li tnejn mill-akbar mexxejja tal-Ewropa tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin kienu se jaħdmu flimkien tant mill-qrib. Il-Kanċillier Ġermaniż Helmut Kohl u l-President Franċiż François Mitterrand twieldu u trabbew f'era meta n-nazzjonijiet tagħhom iġġieldu żewġ gwerer katastrofiċi.*

*Kohl u Mitterand ħadmu qatigħ biex isaħħu r-relazzjoni ta' wara l-gwerra bejn Franza u l-Ġermanja, u saħqu fuq l-importanza tal-paċi bejn in-nazzjonijiet tagħhom għall-kisba tal-integrazzjoni Ewropea. Id-dehra taż-żewġ mexxejja id f'id f'ċerimonja fit-22 ta' Settembru 1984 li fakkret is-70 anniversarju mill-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija hi immaġni ikonika u li tqanqlek u ġiet rikonoxxuta fuq livell internazzjonali.*

## Helmut Kohl

Helmut Kohl twieled f'Ludwigshafen, il-Ġermanja fl-1930. Meta spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija kien fl-aqwa tal-adolexxenza; spiss kien jgħid li ffranka l-agħar parti tal-gwerra minħabba li kien għadu żgħir. Huwa studja l-liġi fi Frankfurt qabel ma qaleb għall-istorja u x-xjenza politika fl-Università ta' Heidelberg.

Beda l-ħajja professjonali tiegħu fl-akkademja u aktar tard daħal fid-dinja tan-negozju u eventwalment fil-politika. Fl-1959 ġie elett mexxej tal-fergħa tal-belt tiegħu tal-Unjoni Demokratika Kristjana (CDU), u ma damx biex laħaq pożizzjoni prominenti fil-politika lokali u reġjonali. Wara li serva bħala ministru-president ta' Rheinland-Pfalz (kien l-iżgħar kap tal-gvern elett fil-Ġermanja), u bħala president tas-CDU, huwa għamel l-ewwel passi lejn il-Kanċellerija tal-Ġermanja tal-Punent.

Fl-1982, il-gvern waqa' wara vot ta' sfiduċja mibdi mis-CDU. B'konsegwenza ta' dan, Kohl ġie elett Kanċillier mill-Bundestag (il-parlament Ġermaniż), u sena wara, huwa kkonsolida l-poter tiegħu b'rebħa kbira fl-elezzjonijiet federali tal-1983.

Kohl hu magħruf l-aktar għall-impenn tiegħu għal stat Ġermaniż wieħed. Kien l-ewwel Kanċillier li laqa' lill-kap tal-istat tal-Ġermanja tal-Lvant f'kapaċità diplomatika, u wara l-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin huwa impenja ruħu għar-riunifikazzjoni tal-Ġermanja tal-Lvant u l-Ġermanja tal-Punent. Iż-żewġ parlamenti ffirmaw u rratifikaw trattat fl-1990, li għaqqad il-Ġermanja mill-ġdid 45 sena wara li l-kunflitt qasam lill-pajjiż fi tnejn, biex b'hekk il-viżjoni ta' Kohl ta' Ewropa magħquda saret eqreb għar-realtà.

## François Mitterrand

François Mitterrand twieled f'Charente, Franza fl-1916. Huwa studja l-Liġi Pubblika u rċieva l-lawrija tiegħu fl-1937, u stabbilixxa l-għeruq politiċi tiegħu fil-lemin nazzjonalist Franċiż.

Meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija huwa ntbagħat għall-gwerra. Inqabad fl-1940 u nżamm bħala priġunier tal-gwerra Ġermaniż. Wara li ħarab, huwa ħadem għal xi żmien taħt ir-reġim Franċiż ta' Vichy qabel ma qaleb għax-xellug u impenja ruħu favur ir-reżistenza Franċiża. Bena network ma' priġunieri tal-gwerra oħrajn u ma' gruppi armati tar-reżistenza Franċiża qabel ma ħarab lejn Londra biex jevita li jiġi arrestat mir-reġim. Mitterand iltaqa' ma' Charles de Gaulle, li kien meqjus bħala l-figura tar-reżistenza fl-eżilju, biex jipprova jikkoopera fir-reżistenza Franċiża, għalkemm ma kellhomx l-istess opinjonijiet.

Wara l-gwerra, Mitterand ikkonsolida l-pożizzjoni tiegħu fix-xellug f'oppożizzjoni għal Charles de Gaulle, u eventwalment sar il-kap tal-Partit Soċjalista Franċiż. Wara li ma rnexxiex fl-ewwel tentattiv tiegħu għall-Presidenza, huwa ġie elett President fl-1981, u mexxa l-ewwel gvern tax-xellug wara 23 sena.

## Impenn għal Ewropa magħquda

Helmut Kohl kien it-tieni wieħed minn tliet persuni biss li rċevew Ċittadinanza Onorarja Ewropea mill-Kunsill Ewropew, bħala rikonoxximent tal-ħidma straordinarja tiegħu fuq l-integrazzjoni u l-kooperazzjoni Ewropea, li turi l-kontribuzzjoni kbira tiegħu għall-proġett Ewropew.




*Mitterrand u Kohl fl-1987*

Meta kien President, Mitterand appoġġja t-tkabbir Ewropew billi inkuraġġixxa lil Spanja u lil Portugall biex jissieħbu mal-UE. Huwa kien jemmen ukoll f'UE aktar integrata u ppromwova l-Att Uniku Ewropew fl-1986, li ħoloq l-ewwel pedamenti legali għal suq uniku Ewropew. Flimkien, Kohl u Mitterrand laħqu dan l-għan bl-approvazzjoni tat-Trattat ta' Maastricht sitt snin wara, li għamel il-ħolma tagħhom ta' suq transnazzjonali bla xkiel realtà.

Ir-ritratt famuż ta' Kohl u Mitterrand qrib Verdun, is-sit ta' waħda mill-itwal battalji tal-Ewwel Gwerra Dinjija, inġibed fit-22 ta' Settembru 1984, f'ċerimonja ta' tifkira li wriet kemm Franza, il-Ġermanja u l-Ewropa mxew 'il quddiem wara ż-żewġ Gwerer Dinjija.

Id f'id quddiem kuruna tal-fjuri fl-ossarium ta' Douaumont, Kohl u Mitterand għenu biex Verdun ma jirrappreżentax biss memorja kerha, iżda wkoll simbolu ta' paċi u rikonċiljazzjoni, li juri lill-Ewropa u lid-dinja l-importanza u l-poter tal-paċi fil-kontinent.

Huma sawru ħbiberija kbira bejniethom kif ukoll relazzjoni ta' xogħol li ħalliet il-frott tul is-snin, u hu magħruf kemm kienu jiċċajtaw bejniethom. Darba waħda Kohl serva lil Mitterand platt tipiku Ġermaniż ta' Saumagen (stonku tal-ħanżir), u qallu "kul kollox, inkella nagħtik Saarland lura"

Bħala rikonoxximent tad-dedikazzjoni għall-kawża tar-relazzjonijiet Franko-Ġermaniżi, irċevew flimkien il-premju Charlemagne fl-1988, li jingħata għall-ħidma lejn l-unifikazzjoni Ewropea. Fid-diskors ta' ringrazzjament tiegħu, Kohl enfasizza l-affarijiet komuni li Franza u l-Ġermanja kellhom bejniethom u li servew ta' bażi għall-proġett kollu tal-UE, sa mill-bidu nett bil-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar fl-1951. Personalitajiet oħrajn li rċevew ukoll dan il-premju jinkludu Konrad Adenauer u Simone Veil.

Kohl kien Kanċillier għal 16-il sena, l-aktar wieħed li dam b'din il-kariga fis-seklu 20. Mitterand serva bħala President tar-Repubblika Franċiża għal 14-il sena, l-itwal presidenza fl-istorja ta' Franza.

## Is-snin ta' wara

Wara snin twal jiġġieled kontra l-kanċer tal-prostata, François Mitterrand miet inqas minn sena wara li temm il-kariga tiegħu, f'Jannar 1996. Il-ħabib tiegħu Helmut Kohl miet b'kawżi naturali f'Ġunju 2017. Saret "ċerimonja tal-Istat" Ewropea f'ġieħ Kohl fil-parlament Ewropew fi Strasburgu xahar wara, fejn il-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker tah ġieħ: "*Helmut Kohl kien partijott Ġermaniż u Ewropew, għaliex għalih ma kien hemm ebda kontradizzjoni bejn it-tnejn. Għalih, l-unità Ġermaniża u dik Ewropea kienu jmorru id f'id*".